**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru.: 73/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eman Hayman)**

**-Vs-**

**KENNETH CASSAR**

**Illum 10 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat illi **KENNETH CASSAR** ta' 40 sena, iben John u Josephine nee' Bugeja li twieled ġewwa Pieta' nhar it-02/10/1980, residenti fil-fond 41, Triq is-Sur, Isla u detentur tal-karta ta' l-identita 470480M, tressaq quddiemha akkużat talli nhar it-3 ta' Frar, 2021 għal ħabta ta' 1:00 am u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew fil-ġimgħat u/jew xhur ta' qabel ġewwa Marsaskala u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda :

1. Ikkaġuna lil omm uliedu bl-ismijiet **Rowan, Shania, Triana, Maraya u Rhylon** u ċioe' lil **Anita Magro**, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali, liema delitt seħħ ripetutament, bil-vjolenza, fil-preżenza ta' l-imsemmijja minuri u li ikkawża offiża gravi psikoloġika fuq il-vittma u ċioe' **Anita Magro.**

2. Ikkaġuna lil omm uliedu bl-ismijiet **Rowan, Shania, Triana, Maraya u Rhylon** u ċioe' lil **Anita Magro**, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha, liema delitt seħħ ripetutament, bil-vjolenza, fil-preżenza ta' l-imsemmijja minuri u li ikkawża offiża gravi psikoloġika fuq il-vittma u cioe' **Anita Magro**.

3. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil **Anita Magro**, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih.

U nakkużah talli nhar it-3 ta' Frar, 2021 għal ħabta ta' 1:00 am ġewwa Marsaskala :

4. Bil-ħsieb li jweġġa lil omm uliedu **Anita Magro**, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt meta għafas sikkina tal-kċina u bil-ponta f'żaqqa b'tentattiv li jiġu kaġunati feriti gravi fuq persunta, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u 'ndipendenti mill-volonta` tiegħu.

5. Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' omm uliedu **Anita Magro**, hekk kif iċċertifika Dr. Matthew Farrugia (Med Reg 4582).

6. Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' ibnu **Rowan Cassar Magro**, hekk kif iċċertifika Dr. Matthew Farrugia(Med Reg 4582).

7. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe' bieb ta' barra ta' apartment, liema ħsara tammonta għal anqas minn 250€ għad-dannu ta' **Anita Magro.**

8. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil **Anita Magro**.

9. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil **Anita Magro**.

10. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmijja band' oħra fil-kodici kriminali.

11. Bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor.

U aktar talli fl-istess data, ħin, lokalitajiet u cirkostanzi :

12. Kiser Ordni tal-Protezzjoni (412c) imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. AM Grima LL. D, fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurtà ta' omm uliedu u cioe' **Anita Magro w ulieda.**

13. Kiser Ordni tal-Protezzjoni (412c) imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello LL. D, fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurtà ta' omm uliedu u cioe' **Anita Magro w ulieda.**

14. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Dr. AM Grima LL.D, f'dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt somma ta' €18,000.

15. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello LL. D, f'dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt somma ta' €7,500.

16. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Victor Axiaq LL. D), f'dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt somma ta' €5,000.

Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi **Kenneth Cassar** u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmijja imputata **u/jew** tordna li is-somom marbuta jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll titratta lil **Kenneth Cassar** bħala persuna reċediva meta ġie ssentenzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Kenneth Cassar** a benefiċju ta' **Anita Magro** u 'l-familjari tagħha.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' **Anita Magro** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Kenneth Cassar** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti, għal żmien li tħoss xieraq,

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti.

Rat illi l-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu tal-20 ta' Lulju 2022, indika illi tista' tinstab ħtija taħt dak li hemm maħsub:-

1. Fl-artikoli 18, 31, 251A(1)(a)(b)(2)(4), 251H(d)(f), 251HA u 202(h)(iv) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 18, 31, 251B(1)(2), 251H(d)(f), 251HA u 202(h)(iv) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 18 u 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-artikoli 31, 41(1)(a), 214, 215, 217, 218, 222(1)(a) u 202(h)(iv) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Fl-artikoli 214, 215, 221(1), 222(1)(a) u 202(h)(iv) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Fl-artikoli 214, 215, 221(1), 222(1)(a) u 202 (h)(iii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Fl-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. Fl-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. Fl-artikolu 412C(1)(11) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

13. Fl-artikolu 412C(1)(11) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

14. Fl-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

15. Fl-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

16. Fl-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

17. Fl-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

18. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

19. Fl-artikoli 15A, 17, 18, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-deċiżjoni mogħtija minnha fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2022 fejn wara li semgħet lil Anita Magro u lil Rowan Cassar Magro, ordnat it-twaqqif tal-proċeduri in kwantu limitatament ir-reati allegatament kommessi fuq Anita Magro kif addebitat fl-akkużi enumerati 1, 2, 3, 4, 5, 7, 8 u 9 fiċ-Ċitazzjoni filwaqt li dikjarat illi l-proċeduri fir-rigward tar-reati l-oħra kollha inkluż dawk fejn l-allegat vittma huwa Rowan Cassar Magro, jitkomplew;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2022;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għad-deċiżjoni;

Ikkunsidrat;

Illi kif ingħad, **fadal biex jiġu deċiżi biss uħud mill-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat u dan wara li Anita Magro talbet li l-proċeduri jitwaqqfu safejn l-imputat qed jiġi mixli li wettaq fil-konfront tagħha reati li jinvolvu vjolenza domestika u l-Qorti laqgħet din it-talba fis-27 ta' Settembru 2022 wara li semgħet darbtejn ix-xhieda tal-istess Anita Magro in konnessjoni ma' din it-talba**. Il-Qorti sejra għalhekk tiddeċiedi dawk l-akkuzi dwar r-reati addebitati lill-

imputat in kwantu jikkonċernaw kontravvenzjonijiet kontra l-ordni pubbliku, reati li jinvolvu vjolenza domestika kommessa fil-konfront allegatament, ta' ibnu Rowan Cassar Magro u r-reati dwar ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni u ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, ċioe' ir-reati addebitati fl-akkużi fiċ-Ċitazzjoni bin-numru 6 u bin-numri 10 sa 16.

**Offiza ta' Natura Ħafifa fuq Rowan Cassar Magro**

L-imputat ġie mixli li kkaġuna offiza ta' natura ħafifa fuq ibnu Rowan Cassar Magro[1] u dan meta fit-3 ta' Frar 2021 għall-ħabta ta' 1.00 a.m. ġewwa Marsascala, aggredixxa lilu u lil ommu, Anita Magro wara li sgassa l-bieb tal-appartament fejn joqogħdu ġewwa Flat 2, Triq l-Għassies, Marsascala.

**Rowan Cassar Magro** xehed illi fi Frar 2021 huwa kien rieqed fl-apartament flimkien ma' ommu u ħutu meta f'daqqa u l-ħin, għall-ħabta tas-1.30 a.m. sema' l-bieb jitkisser u sema' wkoll lil ommu twerżaq. Bl-istorbju huwa qam u mar jiġri u jara lil missieru b'sikkina ppuntata ma' żaqq ommu fil-kamra tas-sodda tagħha. Spjega illi dak iż-żmien missieru ma kienx qiegħed joqgħod magħhom u kien qed jgħix separatament. Meta ra hekk, huwa baqa' imbellah u qabad is-sikkina minn idejn missieru biex jeħodielu għaliex ra illi lil ommu kien qatagħlha subajha ż-żgħir u kien hemm ħafna demm mal-art. Missieru ċeda u ħallih ineħħi s-sikkina minn idejh iżda meta qabad is-sikkina biex jeħodhielu, spiċċa qata' l-palma ta' idu l-leminija. Fil-fatt, is-sikkina waqgħet fl-art. Ikkonferma illi huwa qatt ma ra din is-sikkina qabel u m'għandhomx bħalha fid-dar iżda għaraf is-sikkina li missieru attakka lil ommu biha dakinhar, bħala s-sikkina esebita fl-atti bħala Dok. KC1.

Rowan Cassar Magro xehed ukoll li dak il-ħin, kif huwa rnexxielu jneħħi s-sikkina, missieru qabad lil ommu minn xagħarha u beda jħabbtilha rasha mas-sodda u spiċċa qalagħlha ħafna xagħar minn rasha. Għalhekk huwa qabdu u pprova jressqu biex

[1] Ara estratt miċ-ċertifikat tat-twelid, Dok. KC4, fol. 12.

joħorġu ‘l barra bl-għajnuna ta’ ommu u oħtu l-kbira Shania, iżda dak il-ħin missieru qabad u tah daqqa ta’ ponn ġo għajnejh il-leminija.

Rowan Cassar Magro reġa’ xehed fil-25 ta’ Lulju 2022 kif ukoll fis-27 ta’ Lulju 2022 fejn filwaqt li kkonferma l-verżjoni li kien diġa’ rrakkonta fid-depożżzjoni tiegħu b’rabta mal-inċident tat-3 ta’ Frar 2021 u afferma li dak kollu li xehed dwaru effettivament seħħ, iddikjara li huwa jaħfer lil missieru u jixtieq jagħtih opportunita’ oħra biex jingħaqad lura mal-familja u biex ħutu ż-żgħar ikollhom missierhom f’ħajjithom. Fl-istess waqt hu għamilha ċar illi ma jridx li dawn l-inċidenti jirrepetu ruħhom u jrid ikun ċert li missieru jkun għeleb il-vizzju tad-droga u jieħu l-kura u trattament meħtieġ għal dan l-iskop sabiex ikun jistaħ jserraħ rasu li mhux ser ikun ta’ perikolu għalih u għal ħutu ż-żgħar[2].

**Anita Magro** xehdet illi meta l-imputat daħal fil-kamra, kien qabadha minn għonqha u pponta s-sikkina ma’ żaqqha, bdiet twerżaq u tgħajjat għal binha Rowan u wara ftit Rowan ġie u beda jgħid lil missieru “*le daddy mhux hekk mhux hekk, ser tweġġagħha l-mummy*”. F’ħin minnhom telaqha iżda qabadha minn xagħarha bis-sikkina tibqa’ f’idu l-oħra, fejn it-tifel ta s-salt u żamm lil missieru minn wara u għamel idejh fuq quddiem bis-saħħa. Iżda dak il-ħin, hija rat lill-imputat idawwar is-sikkina lejn it-tifel u jxejjirha lejn żaqqu fejn hi qabdet is-sikkina f’idejha u qatgħet subajha ż-żgħir bix-xafra u beda ħiereġ ħafna demm iżda rnexxielha teħodlu s-sikkina. Dak il-ħin ġiet it-tifla Shania li bdiet tipprova żżomm lil missierha milli jkompli jagħtiha u jiġbdilha xagħarha fejn f’ħin minnhom l-imputat dar bis-saħħa u ta daqqa ta’ ponn lil Rowan f’għajnejh.

**Shanaya Cassar Magro** xehdet illi semgħet ħafna għajjat bil-lejl u meta rnexxielha tqum marret fil-kamra tas-sodda ta’ ommha u rat li missierha kien reġa’ daħal biex iweġġa’ lil ommha u l-ewwel li għamlet, marret biex tipprova żżomm lil missierha biex ma jweġġax lil ommha u lil ħutha ż-żgħar li kienu daħlu fin-nofs biex jifirdu l-

[2] Abbażi, inter alia, ta’ din ix-xhieda u fuq talba tal-istess Rowan Cassar Magro u ta’ Anita Magro, il-Qorti irrevokat l-Ordni ta’ Protezzjoni li kienet ħarġet fit-18 ta’ Frar 2021.

ġlied li kien qed jiġri dak il-ħin. Hi rat lil missierha kien ħdejn il-bieb tal-kamra tas-sodda u kellu sikkina f'idejh u kien qed jipprova jaqbad lil ommha u lil ħuha Rowan, fejn rat ħafna qtar tad-demm kif ukoll ħafna xagħar mal-art tal-kamra u hi pprovat iżżomm lil missierha. Kien hemm ħafna twerżiq dak il-ħin u t-tarbija kienet qed tibki u beżgħet ħafna li xi ħadd kien weġġa' u beżgħet ukoll li missierha kien ser iweġġa' lil ħuha Rowan għaliex kellhom xi jgħidu ftit ġranet qabel u ma kienux sew dak iż-żmien. Fil-fatt, wara, ommha qaltilha li huwa kien ta daqqa ta' ponn lil Rowan f'għajnejh iżda hi ma kienetx laħqet il-ġlieda mill-bidu.

**Dr. Matthew Farrugia** xehed illi huwa eżamina lil Rowan Cassar Magro u ċċertifika[3] li kellu qasma superfiċjali fuq il-pala tal-id il-leminija ta' tul ta' ċirka ċentimetru u nofs, qasma superfiċjali oħra fuq is-suba' l-kbir tal-id xellugija ta' madwar ċewġ ċentimetri u kien muġugħ fuq il-ħuġbejn tax-xellug[4] iżda mingħajr ebda marka viżibbli.

Il-verżjonijet tax-xiehda li ressqet il-Prosekuzzjoni ma ġewx kontradetti mid-difiża u l-imputat ma ressaq l-ebda prova jew xhud in difesa biex jirribatti r-riżultanzi tal-provi li ġew imressqa mill-Prosekuzzjoni. F'kull każ, il-verżjoni ta' Rowan Cassar Magro dwar id-dinamika tal-inċident fejn missieru l-imputat daħal bil-forza fl-appartament fejn joqgħod ma' ommu u ħutu, u attakka lil ommu Anita Magro b'sikkina, huwa korroborat bis-sħiħ mill-istess Anita Magro li kkonfermat kif binha ġie biex jipprova jżomm lil missieru milli jagħtiha bis-sikkina u milli jiġbidha minn xagħarha fejn ipprova wkoll jieħu s-sikkina minn idejn missieru. Ikkonfemat ukoll li Kenneth Cassar f'ħin minnhom dar lejn binha u pponta din l-istess sikkina lejn żaqqu kif ukoll li tah daqqa ta' ponn f'għajnejh meta l-istess binha kien qed jipprova jżommu milli jkompli jagħti lilha.

F'dan il-kwadru ta' fatti l-Qorti m'għandha l-ebda dubju kwalsiasi li Rowan Cassar Magro – kif del resto ġie affermat mill-istess vittma u minn ommu fix-xhieda tagħhom

---

[3] Ara ċertifikat mediku Dok KC11, fol. 25.
[4] Dan hu żbaljat: skont iċ-ċertifikat mediku l-uġigħ kien fuq *"the right inferior orbit"*.

- ġarrab il-feriti f'idejh li xehed dwarhom it-tabib Dr. Matthew Farrugia, u dan meta kien qed jissielet ma' missieru biex jeħdolu s-sikkina minn idejh u m'għandha l-ebda dubju lanqas illi dawn il-qasmiet superfiċjali ġew tabilħaqq ikkaġunati mill-istess sikkina li kien f'idejn l-imputat. Huwa wkoll ippruvat li l-imputat ta daqqa ta' ponn lil ibnu Rowan, f'għajnejh, u għalkemm ma jidhirx li kien hemm sinjal estern ta' trawma fuq ħuġbejh, Dr. Matthew Farrugia iċċertifika li l-vittma kien muġugħ.

Dan kollu jfisser li l-imputat għandu jinstab ħati tas-sitt imputazzjoni ċioe' li kkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq Rowan Cassar Magro, ibnu. Iżda għalkemm mill-provi jirriżulta li uħud minn dawn l-offiżi, ossia l-qasmiet f'id il-leminija ta' Rowan Cassar Magro, evidentement saru skont kif maħsub fl-Artikolu 221(2) tal-Kodiċi Kriminali[5], ċioe' b'sikkina, li hija strument li jaqta' u jniggeż, fejn allura l-piena applikabbli hija iktar severa minn dik applikabbli għal offiża ta' natura ħafifa mhux ikkaġunata b'dan il-mezz, **l-Avukat Ġenerali naqas milli jindika d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi subartikolu (2) tal-Artikolu 221 fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju**. Konsegwentement, il-Qorti, anke għaliex dan l-aggravanti ma jiffigurax fl-akkuża relattiva fiċ-Ċitazzjoni, ma tistax *sua sponta* tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 221(2) iżda tista' ssib ħtija biss taħt l-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 u tapplika l-piena hemm maħsuba mingħajr qies taċ-ċirkostanzi aggravanti fuq imsemmija. Madankollu, billi huwa ppruvat li din l-offiża ħafifa ġiet ikkaġunata fuq il-persuna ta' ibnu li huwa persuna msemmija fl-Artikolu 202(h) tal-Kap. 9, ċioe' dixxendent[6], il-piena maħsuba fl-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 għandha tiżdied mandatorjament bi grad. **Fl-istess ħin iżda, il-Qorti meta tiġi biex teroga l-piena sejra tieħu qies tal-fatt illi l-vittma xehed illi huwa jaħfer lil missieru għall-offiżi li kkaġunalu fl-inċidenti tat-3 ta' Frar 2021**.

**Reati Kontravvenzjonali kontra l-Ordni Pubbliku**

L-imputat ġie mixli wkoll bir-reati kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(dd) u 338(m) tal-Kap. 9.

[5] Li jagħmel referenza għall-Artikolu 217 tal-Kap. 9.
[6] Artikolu 202(h)(iii) tal-Kap. 9.

Minnufih għandu jingħad illi ma tistax tinstab ħtija fl-imputat għar-reat taħt l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 għaliex kif inhuwa ben risaput, wieħed mill-elementi materjali kostituttivi ta' din il-kontravvenzjoni hu li bl-azzjonijiet tiegħu, l-aġent tar-reat ikun kiser il-kwiet u l-bon ordni pubbliku. Ghalkemm mhux imsemmi specifikatament fl-imputazzjoni kif imfassla fic-Citazzjoni, dan ir-reat jipprospetta l-ksur tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u konsegwentement, jeħtieġ li dan ir-reat ikun ġie kommess f'post pubbliku. Iżda l-provi juru li dan l-inċident seħħ ġewwa residenza privata fejn membri tal-istess familja u konsegwentement, huwa nieqes l-element tal-pubbliċita' tar-reat.

In kwantu għall-kontravvenzjoni taħt l-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9, il-Qorti wkoll ma tirravviżax ħtija fl-imputat. Dan l-Artikolu jipprovdi li huwa ħati ta' kontravenzjoni kontra l-ordni pubbiku kull min bil-lejl, jikser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marco Debono** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru tal-2011, il-Qorti qalet illi biex jiffigura r-reat taħt l-Artikolu 338 (m) tal-Kodici Kriminali, jeħtieg li l-ħsejjes jammontaw ghal "*nuisance*" u ċioe` jkun hemm "*substantive inconvenience and material discomfort*". Inghad ukoll illi l-inkonvenjent irid ikun gravi u mhux facilment tollerabbli, kif ukoll kontinwu u intens. Izda l-istess Qorti, f'sentenza iktar reċenti, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Attard et**, qieset illi dan l-insenjament huwa ftit jew wisq assolutista u jkun iktar deżiderabbli li wiehed jaddotta attitudni iktar flessibbli rigward dan ir-reat. Riaffermat ukoll illi jispetta lill-Qorti, minn kaz għal każ u skond ir-riżultanzi proċesswali, li "*tivvaluta d-depozizzjoni tal-persuni li jkunu qed jillmentaw mill-inkonvenjent li tiddeciedi jekk il-hsejjes ikunux verament ta' inkonvenjent jew le, mehud skond ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.*"

Applikat dan l-insenjament għall-każ in diżamina, il-Qorti ma tirravviżax l-estremi biex tista' tinstab ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali, għaliex irid jirriżulta illi l-

element materjali konsistenti fi ħsejjes, għajjat jew komportament ieħor tal-aġent, ikun wassal biex effettivament kisru l-mistrieh tan-nies. Huwa minnu illi l-provi juru li matul dan l-inċident, fejn l-imputat aggredixxa lil ibnu u lil omm uliedu b'sikkina, inqala' ħafna storbju tant illi Rowan Cassar Magro u oħtu Shanaya Cassar Magro qamu bl-għajjat li kien ġej mill-kamra tas-sodda ta' ommhom iżda ma jirriżultax li kien proprju l-imputat u mhux Anita Cassar Magro li kien qed jgħajjat u jwerżaq. Jingħad ukoll illi f'kull każ, għalkemm huwa minnu l-istorbju tal-argoment seħħ fil-ħinijiet ta' bil-lejl, huwa evidenti li l-inċident seħħ fi kwistjoni ta' ftit ħin u għaldaqstant huwa nieqes ukoll l-element tal-kontintwita` tal-inkonvenjent li, fil-fehma tal-Qorti, huwa element kostituttiv essenzjali ta' dan ir-reat. Konsegwentement, l-imputat mhux ser jinstab ħati ta' dan ir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9.

**Ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni**

Jingħad minnufih illi r-reat addebitat fl-akkuża bin-numru 13 ma jirriżultax għaliex ma ġiet prodotta fl-atti l-ebda Ordni ta' Protezzjoni a tenur tal-Artiklu 412C tal-Kap. 9 maħruġa minn din il-Qorti kif preseduta fi proċeduri oħrajn pendenti fil-konfront tal-imputat Kenneth Cassar.  Dan xehdu l-Ispettur Eman Hayman[7] li kkonferma li din l-Ordni ta' Protezzjoni kif imsemmija fl-imputazzjoni bin-numru 13, ma teżistix.

Fir-rigward tal-akkuża bin-numru 12, kif ġie stabbilit iktar qabel f'din is-sentenza, l-imputat, fit-3 ta' Frar 2021, ikkommetta r-reat taħt l-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 fil-konfront ta' ibnu Rowan Cassar Magro u dan meta kkaġunalu offiżi ta' natura ħafifa. Dan neċessarjament ifisser illi l-imputat aġixxa bi ksur tal-Ordni ta' Protezzjoni li kienet inħarġet għall-finijiet tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. A. M. Grima fis-27 ta' Diċembru 2018 fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Joanna Piscopo) v. Kenneth Cassar**[8], u li kopja tagħha, debitament awtentikata bil-firma u t-timbru tad-Deputat Reġistratur tal-

[7] Xhieda ta' 13 ta' Ġunju 2021.  Ara wkoll verbal tas-seduta tad-29 ta' Lulju 2021.
[8] Li għandu l-istess numru tal-karta tal-identita' bħall-imputat odjern, ċioe' 470480M.

Qorti, tinsab esebita fl-atti proċesswali[9]. Evidentement, l-imputat, għalkemm bis-saħħa ta' din l-Ordni kien ipprojibit milli javviċina u jimmolestja, fost kundizzjonijiet oħrajn, lil Anita Magro u uliedha, fosthom għalhekk lil ibnu Rowan Cassar Magro, mhux biss avviċina lil ibnu u daħal fil-fond fejn huwa jirrisjedi, iżda wkoll immolestah billi kkaġunalu offiżi fuq il-persuna tiegħu – aġir li fil-fehma tal-Qorti jimmanifesta l-istmerrija assoluta tal-imputat għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' ibnu u iktar minn hekk tal-ordnijiet tagħha, kif ukoll jikkostitwixxi l-antitesi tal-imġieba li hija tistenna minn persuna li fil-konfront tagħha tinħareġ Ordni bħal din.

Fir-rigward, xehdet ukoll l-Assistent Reġistratur tal-Qorti, Stephanie Calafato Testa li ppreżentat kopja awtentikata oħra ta' din l-istess Ordni ta' Protezzjoni, kopja li hija kkonfermat li saret dak il-ħin stess mill-atti proċesswali tal-proċeduri relattivi[10], liema proċeduri għadhom pendenti u kienu dak iż-żmien differiti għat-3 ta' Ġunju 2022 quddiem din l-istess Qorti diversament preseduta. Din ix-xhieda telimina kull dubju li l-Ordni ta' Protezzjoni ma kienetx għadha fis-seħħ fiż-żmien meta ġie kommess ir-reat għad-dannu ta' Rowan Cassar Magro jew li ġiet emendata in segwitu għall-ħruġ tagħha.

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati tal-imputazzjoni numru 12 fejn huwa ġie mixli bir-reat taħt l-Artikolu 412Ċ(11) tal-Kap. 9, ċioe' li kiser projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu bl-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa fil-konfront tiegħu fis-27 ta' Diċembru 2018 anke għaliex ma jirriżultax mill-provi u l-Qorti f'kull każ ma tqisx li fiċ-ċirkostanz tal-każ, teżisti xi skuża raġjonevoli li tiġġustifika dan il-ksur.

**Reati taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali**

L-imputat qiegħed jiġi mixli wkoll bir-reat taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 ċioe' illi kiser il-kundizzjonijiet stabbiliti f'diversi digrieti li permezz tagħhom huwa kien ingħata l-ħelsien mill-arrest.

[9] Fol. 36.
[10] Ara xhieda tal-4 ta' Mejju 2022 u Dok. SCT1, fol. 212.

Fir-rigward tad-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta, fis-27 ta' Diċembru 2018[11], l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet. Dan id-digriet jirriżulta li kien għadu fis-seħħ fit-3 ta' Frar 2021 għaliex l-Assistent Reġistratur tal-Qorti xehdet[12] li l-proċeduri kriminali li fihom ingħata dan id-digriet, kienu għadhom pendenti u dak iż-żmien kienu differiti għat-3 ta' Ġunju 2022. Iżda minkejja dan, u minkejja illi l-uffiċjal prosekutur f'dawk il-proċeduri, l-Ispettur Joanna Piscopo, ikkonfermat[13] li l-kopja tad-digriet esebit fl-atti[14], datat 27 ta' Diċembru 2018, huwa l-istess digriet li ngħata fil-konfront tal-imputat odjern, il-Qorti tosserva illi dan id-digriet ġie sussegwentement emendat b'digriet ieħor mogħti fil-11 ta' Frar 2019.

Dan id-digriet, li evidentement varja xi waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fid-digriet tas-27 ta' Diċembru 2018, baqa' ma ġiex prodott fl-atti proċesswali u għalhekk il-Qorti m'għandhiex iċ-ċertezza, u żgur ma jistax ikollha s-serħan tal-moħħ, li l-kundizzjonijiet imposti fid-digriet oriġinali kienu għadhom fis-seħħ bl-istess mod fit-3 ta' Frar 2021. Il-Qorti tistenna illi għall-fini ta' sejbien ta' ħtija tar-reat taħt l-Artiklu 579(2) tal-Kap. 9, ikollha quddiemha kopja awtentikata tad-digriet aġġornat, talanqas sad-data li għaliha jirreferi l-allegat ksur.

Għaldaqstant, billi l-prova meħtieġa tal-kundizzjonijiet imposti fid-digriet tas-27 ta' Diċembru 2018 li bih l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest, kif kienu fis-seħħ fit-3 ta' Frar 2021, baqgħet ma nġabitx, ma tistax issib lill-imputat ħati tal-ksur addebitat u konsegwentement sejra tilliberah in kwantu għall-ksur tal-kundizzjonijiet imposti fid-digriet appena msemmi (imputazzjoni numru 14 fiċ-Ċitazzjoni).

[11] Dok. SCT1, fol. 211.
[12] Xhieda tal-4 ta' Mejju 2022.
[13] Xhieda tat-13 ta' Mejju 2021.
[14] Dok. KC13, fol. 32.

L-imputat huwa mixli wkoll bil-ksur tal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-digriet mogħti minn din il-Qorti kif preseduta fit-13 ta' Awwissu 2019[15] fi proċeduri kriminali li ġew sussegwentement deċiżi fil-5 ta' Lulju 2021[16]. Ma hemm l-ebda indikazzjoni fuq il-kopja awtentikata ta' dan id-digriet, esebita mill-Assistent Reġistratur fix-xhieda tagħha tal-4 ta' Mejju 2022, li dan ġie emendat jew li ġew varjati xi kundizzjonijiet hemm imposti sakemm ġew deċiżi l-istess proċeduri, tant illi l-kopja esebita saret mill-istess Assistent Reġistratur meta ġiet imħarrka biex tixhed f'din il-kawża, ċioe' wara t-temm ta' dawk il-proċeduri.

Inoltre, l-Ispettur Eman Hayman ikkonferma fix-xhieda tiegħu[17] li huwa kien qed imexxi l-prosekuzzjoni wkoll fl-imsemmija proċeduri kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Kenneth Cassar** li kienu pendenti dak iż-żmien quddiem din il-Qorti kif preseduta, fejn l-imputat Kenneth Cassar, li huwa l-istess Kenneth Cassar akkużat f'din il-kawża odjerna, inghata l-ħelsien mill-arrest permezz ta' Digriet tat-13 ta' Awwissu 2019 li bih l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest[18].

Dan id-digriet, fil-paragrafu bin-numru 6, jistipola li l-ħelsien mill-arrest huwa konċess lill-imputat taħt il-kundizzjoni li jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod mhux iżjed tard mit-8.00 p.m. u ma joħroġx minn hemm qabel il-5.30 a.m.

Kif stabbilit, l-imputat wettaq żewġ reati fit-3 ta' Frar 2021 meta kiser l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa fis-27 ta' Diċembru 2018 għall-protezzjoni *inter alia,* ta' wliedu fosthom Rowan Cassar Magro u dan meta daħal fir-residenza ġewwa Flat 2, Triq l-Għassies, Marsascala fejn joqogħdu wliedu kollha u kkaġuna offiżi fuq l-istess Rowan Cassar Magro. Mix-xhieda ta' Anita Magro kif ukoll ta' Rowan Cassar Magro jirriżulta li l-imputat daħal fir-residenza tagħhom għall-ħabta tas-1.00 a.m. ċioe' f'ħin meta, evidentement, kellu jkun rinkażat fir-residenza ġewwa 41, Triq is-Sur, Isla u dan għalhekk bi ksur tal-kundizzjoni msemmija f'dan id-digriet. Magħdud dan il-fatt li

[15] Dok. EH1, fol. 122 u Dok. SCT3, fol. 214.
[16] Il-Pulizija (Spettur Eman Hayman) v. Kenneth Cassar.
[17] 24 ta' Ġunju 2021.
[18] Dok. EH1, fol. 122.

kien diġa' ġie konkluż, l-imputat wettaq żewġ reati waqt li kien meħlus mill-arrest, bi ksur tal-kundizzjoni stipolata fil-paragrafu 4 tal-istess digriet.

Għalhekk għandu jinstab ħati tal-imputazzjoni bin-numru 15.

Fir-rigward tad-digriet tal-21 ta' Novembru 2019[19] li bih l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest fi proċeduri kriminali oħrajn ukoll immexxija mill-Ispettur Eman Hayman fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Kenneth Cassar** li fix-xhieda tiegħu ikkonferma li l-imsemmi Kenneth Cassar huwa l-istess Kenneth Cassar akkużat f'dawn il-proċeduri odjerni, il-Prosekuzzjoni ressqet fl-atti kopja ta' dan id-digriet, debitament awtenikata mid-Deputat Reġistratur tal-Qorti li erogat l-istess digriet. Din il-kopja ġiet ulterjorment awtentikata bix-xhieda tal-Assistent Reġistratur tal-Qorti, li kkonfermat ikoll illi l-proċeduri kriminali li fihom ingħata l-ħelsien mill-arrest lill-imputat jinsabu differiti għas-sentenza għat-12 ta' Ottubru 2022. Dan ifisser illi fit-3 ta' Frar 2021, dan id-digriet kien għadu fis-seħħ u ma jirriżultax illi l-kundizzjonijiet imposti fih oriġinarjament ġew in segwitu emendati jew varjati.

Għalkemm jirriżulta li permezz tal-kundizzjoni imposta fil-paragrafu bin-numru 6 tal-istess digriet, l-imputat ġie obbligat jirtira fir-residenza fejn joqgħod mhux iżjed tard mit-8.30 p.m. u ma joħroġx minn hemm qabel 5.30 a.m., mhemmx indikat fl-istess digriet il-post tar-residenza tal-imputat. Iżda fl-istess waqt, huwa fatt illi l-imputat ikkommetta żewġ reati waqt li kien meħlus mill-arrest u dan fit-3 ta' Frar 2021 meta dan id-digriet, kif rajna, kien għadu fis-seħħ u b'hekk kiser il-kundizzjoni imposta fil-paragrafu bin-numru 4 tal-istess digriet.

Ghaldaqstant, hemm provi biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija tal-imputat wkoll in kwantu għall-ksur ta' waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu fid-digriet li bih huwa ngħata l-helsien mill-arrest fil-21 ta' Novembru 2019 (l-imputazzjoni bin-numru 16), liema ksur jikkostitwixxi r-reat taht l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9

[19] Dok. SCT2, fol. 213.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti ġiet mitluba wkoll tittratta lill-imputat bħala persuna reċidiva. In sostenn ta' dan l-addebitu, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopji legali ta' żewġ sentenzi, fost sentenzi oħrajn, moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta: wahda fit-13 ta' Novembru 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Hubert Cini) vs Kenneth Cassar** (Dok. EH6), u ohra fis-17 ta' Ġunju 2013 (Dok. EH5) fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Spridione Zammit u Spettur Jurgen Vella) vs Kenneth Cassar**, fejn l-imputat f'dawk il-proċeduri ġie kkunannat piena ta' detenzjoni u piena ta' multa, rispettivament. Billi l-imputat f'dawk il-proċeduri għandu l-istess konnotati (numru tal-karta tal-identita' bin-numru 470480M) bħall-imputat odjern, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-imputat huwa l-istess persuna tal-hati li gie ikkundannat fl-imsemmija sentenzi.

Is-sentenzi l-oħra kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni b'rabta ma' dan l-addebitu m'huma ta' ebda siwi in materja ta' reċidiva għaliex jew huma neqsin il-konnotati tal-imputat (u ma tressqitx il-prova tal-identita') jew ġew applikati fil-konfront tal-ħati sanzjonijiet komunitarji taħt il-Kapitolu 446 li, bħalma huwa risaput, m'humiex kundanni li jgħoddu għall-fini tal-prova tar-reċidiva.

In kwantu jikkonċerna l-Artikolu 50 tal-Kap. 9, il-Qorti tosserva illi filwaqt li s-sentenza tat-13 ta' Novembru 2017 ma kkundannatx lill-imputat għal delitt iżda għal reat kontravvenzjonali, ma nġiebet l-ebda prova li l-multa li ġie kundannat iħallas bis-sentenza tas-17 ta' Ġunju 2013, ġiet imħallsa. Għalkemm il-fedina penali tindika li l-multa tħallset, id-data tal-ħlas ma tidhrix fil-kopja fotostatika. F'kull każ, din żgur ma tikkostitwixxix l-aħjar prova tal-ħlas tal-multa u konsegwentement, billi hija nieqsa l-prova li l-piena ġiet skontata, iż-żmien imsemmi fl-Artikolu 50 tal-Kap. 9 ma jistax jiġi komputat. Għaldaqstant l-imputat sejjer jitqies li huwa reċidiv għall-fini tal-Artikolu 49 iżda mhux ukoll għall-fini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom il-frekwenza tal-komportament abbuziv tal-imputat fil-konfront ta' membri tal-familja tiegħu, kif jixhdu s-sentenzi esebiti fl-atti u d-diversi kundanni elenkati fil-fedina penali tal-imputat, liema komportament huwa wiehed ripetut u sistematiku ; il-fedina penali oneruza tal-imputat li nstab diversi drabi hati tal-kommissjoni ta' reati kriminali u ġie wkoll ikkundannat għall-piena ta' priġunerija u detenzjoni ; il-fatt li minkejja li ngħata sanzjonijiet fil-komunita` diversi drabi, hu ovvju li l-imputat ma għarafx jużufruwixxi mill-benefiċċju ta' dawn l-opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu.

Madanakollu, fl-istess waqt, il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni x-xhieda ta' Rowan Cassar Magro li darbtejn quddiem il-Qorti xehed li huwa jaħfer lil missieru u jixtiequ jingħaqad lura mal-familja anke biex ħutu ż-żgħar ikollhom missier preżenti f'ħajjithom. Qieset partikolarment ukoll ix-xewqa tal-istess vittma li l-imputat, missieru, jinħeles mill-vizzju akuta tad-droga li evidentement huwa l-katalist tal-imġieba vjolenti tiegħu.

Ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni wkoll ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation, Matthew Fleri Soler, li xehed quddiemha fit-3 ta' Novembru 2022 in konnessjoni mas-superviżjoni tal-imputat taħt l-Ordni ta' Superviżjoni Provviżorja li nħarġet fil-konfront tal-imputat fit-28 ta' Frar 2022 bħala parti mill-kundizzjonijiet imposti għall-ħelsien mill-arrest. Huwa xehed illi l-imputat ingħata ħames appuntamenti b'kollox li minnhom, attenda għal erba' u naqas milli jattendi għal appuntament wieħed minħabba impenji ta' xogħol. Ikkonferma li l-imputat jaħdem b'mod regolarizzat u ż-żewġ testijiet li sarulu fuq kampjunu tal-awrina irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti filwaqt li afferma wkoll li l-imputat għamel kuntatt mal-Caritas, kif kien pie suġġerit lilu. L-Uffiċjal tal-Probation xehed illi f'dawn l-aħħar xaharejn, l-imputat irnexxielu jibni stabbilita' u struttura f'ħajtu u rreġistra progress notevoli minħabba l-isforz evidenti li qiegħed jagħmel biex itejjeb ħajtu.

Il-Qorti fehmet illi l-imputat qiegħed jibbenefika mis-superviżjoni kontrollata u l-għajnuna li qed jingħatalu u qiegħed jirreġistra progress tajjeb. Fehmet ukoll li qiegħed jagħmel sforz biex jibdel ħajtu iżda huwa wkoll evidenti li biex ikpmpli din ix-xejra pożittiva, għandu bżonn ikompli jingħata din l-għajnuna professjonali u strutturata biex ikun jista' jibqa' miexi fit-triq it-tajba u jegħleb darba għal dejjem id-dipendenza tiegħu fuq id-droga u jindirizza l-problemi psikoloġiċi li għandu, fosthom ta' *anger management*. Għalhekk, hija imperattiva is-sorveljanza kontinwata tiegħu minn persuni kwalifikati biex ir-rijabilitazzjoni tiegħu tkun waħda effettiva kif ukoll bħala mezz ta' kontroll biex jiġi assigurat li huwa jżomm 'il bogħod mill-vizzji li qegħdin evidentement ifixxklulu mhux biss ħajtu iżda iktar minn hekk, ħajjet il-familja tiegħu u tal-ħames uliedu. Ulied li filwaqt li jeħtieġu l-preżenza ta' missierhom f'ħajjithom, mhu serjin jisiltu ebda benefiċċju kwalsiasi mill-preżenza ta' missier li jaġixxi b'imġieba abbużiva, li huwa dipendenti fuq id-droga u li juża l-vjolenza fuq u fil-prezenza tal-istess uliedu.

**Il-Qorti, konxja mix-xewqa ta' Rowan Cassar Magro u tal-ħtieġa li l-imputat jerġa' jingħaqad ma' familtu, m'hijiex sejra fiċ-ċirkostanzi, teroga piena karċerarja effettiva u b'hekk iċċaħħad lill-vittma minn missieru u tistultifika r-rikonċiljazzjoni tal-imputat ma' familtu, iżda sejra tipprovdi l-mezzi meħtieġa lill-imputat sabiex jirriforma ruħu darba għal dejjem u jaġixxi bħala missier tajjeb tal-familja. Il-Qorti tqis għalhekk illi bħala parti mill-piena għandha tqiegħed lill-imputat taħt superviżjoni iżda billi in vista tax-xhieda ta' Rowan Cassar Magro, ma jidhrilhiex illi l-imputat għandu jingħata sentenza ta' priġunerija ta' iktar minn sitt xhur, ma tistax tqiegħdu taħt Ordni ta' Superviżjoni abbinata ma' sentenza sospiża minħabba dak li jipprovdi l-Artikolu 28G tal-Kap. 9. Għalhekk sejra tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation b'kundizzjonijiet stretti biex jiġi assigurat illi jagħraf l-importanza li jkompli jsegwi t-triq tar-rijabilitazzjoni bis-serjeta' u biex jifhem ukoll illi jekk ikompli jabbuża mid-droga, sejjer jitlef din l-opportunita' <u>ta' darba</u> li wara kollox, qed tiġi konċessa lilu biss bis-saħħa tal-maħfra ta' ibnu stess.**

Peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħati minn Uffiċjal tal-Probation tkun mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu u anke li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jagħmel u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra, sejra tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation għaż-żmien massimu li tippermetti l-liġi.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tar-reati addebitati lilu fl-imputazzjonijiet bin-numru 10, 11, 13 u 14 u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 202(h)(iii), 221(1), 222(1)(a), 412Ċ(11) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil KENNETH CASSAR ħati tal-imputazzjonijiet bin-numru 6, 12, 15 u 16 kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta'** ***Probation*** **għal żmien tlett (3) snin mil-lum u dan taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation mogħtija kontestwalment u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Għall-finijiet tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qiegħda tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni għar-riarrest tal-imputat u qiegħda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elf Euro (€1,000) mill-ammont kollu stabbilit fid-digriet moghti fit-13 ta' Awwissu 2019 u tal-ammont ta' elf Euro (€1,000) mill-ammont kollu stabbilit fid-digriet mogħti fil-21 ta' Novembru 2019, li bihom huwa kien ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u semgħet ukoll lill-ħati jesprimi r-rieda tiegħu li jikkonforma ruħu mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta'** ***Probation*****.**

**Għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati KENNETH CASSAR sabiex jinghata trattament biex jeghleb il-vizzju tal-abbuz mid-droga kif ukoll**

**trattament psikoloġiku biex jindirizza fost oħrajn problemi ta'** ***anger management,*** **ghal perijodu ta' tliet (3) snin, taħt it-termini u kundizzjonijiet oħrajn elenkati fid-digriet moghti kontestwalment.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, biex iżomm il-paċi ma' u ma jimmolestjax lil Rowan Cassar Magro u dan taħt penali ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500), għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**